# Budapest

## Hungarian Christmas Markets



08 - 12 ta' Diċembru 2024

5 t'ijiem

Inżuru: Budapest, Puzsta, Visegrad, Szetendre, Eger

**Prezz kull persuna**
(Taxxi u Eskursjonijiet inklużi)

Validu sas-6 ta' Sett

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €900 | €850 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €900 | €850 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1130 | €1080 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €790 | €740 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira mar Ryanair għal Budapest
- 20Kgs Bagalja
- 4 Iljieli – Mercure Hotel City Centre 4 Star
- Buffet Breakfast kuljum
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

### Il-Ħadd 08 ta' Diċembru

Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fl-04.15 sabiex nagħmlu ċ-check in għall-flight FR2278 li titlaq fis-06.25 u twassalna **Budapest** fid-08.40. Transfer lejn iċ-ċentru ikollna **city tour** bil-kowċ u mal-gwida tal-lokal. Naraw il-bini tal-Parlament, il-pjazza ta' l-Eroj, l-Opera House, il-Palazz Irjali, ic-Citadella u l-Fisherman's Bastions minn fejn naraw veduta spettakolari. Wara nkomplu lejn il-Hotel Mercure City Centre 4* li qedgħa eżatt fiċ-ċentru. Filghaxija għal min irid immorru fil-pjazza Vörösmarty Tér biex inżuru il Christmas Market.

### It-Tnejn 09 ta' Diċembru

Breakfast u eskursjoni għall-bliet sbieħ madwar ix-xmara Danube. Din l-eskursjoni magħrufa bħala Danube Bend. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'Szentendre, villaġġ splendidu mibni fuq stil barokk. Inkomplu lejn Visegrad, fortizza li minnha tara veduta mill-isbaħ. Filghaxija għal min irid immorru ħdejn 'St. Stephen's Basilica' fejn hawn ingawdu Christmas Market ieħor mill isbaħ.



### It-Tlieta 10 ta' Diċembru

Breakfast u wara ġurnata libera, iżda min irid jista'jingħaqad mat-tour leader biex inkomplu nżuru din il-belt li tant għanda x'toffri. Wara nofsinhar ikollkom l-opportunita li tieħdu cruise fuq ix-xmara Danube (extra) u min irid jista'jżur ukoll il-'**West End Shopping centre** fejn hawn issibu madwar 400 ħanut, bars u restaurants. Filgħaxija norganizzaw dinner & Folklore show.(optional)

### L-Erbgħa 11 ta'Diċembru

Illum ħarġa ta' ġurnata li teħodna fin-naħa tal-punent tal-Ungerija f'**Puszta**. Hawn naraw il-kapaċita' kbira li juru r-rikkieba meta naraw wirja spettakulari taż-żwiemel. Spettaklu li ma jintesa' qatt! Nagħmlu rikba fuq karozzin tipiku u wara nieklu ikla tajba bl-inbid (mħallsa) f'ristorant tipiku. Ikollna l-opportunita li nisimgħu l-mużika taż-żingari.

### Il-Ħamis 12 ta'Diċembru

Breakfast u wara mmorru 'Il- Palazz irjali ta'**Godollo**' ikkunsidrat bħala Versailles tal-Ungerija (entratura extra). Ikollna ħin biżżejjed biex induru l-palazz u l-ġonna tiegħu biex wara nkomplu t-triq tagħna lejn l-ajruport ta' Budapest għat-titjira FR2277 li ttir fil-17:25 u naslu lura Malta fit-19:45.